# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 78/2016/1 JVC**

**Carmel *sive* Charlie Bonnici**

***v.***

**Peter Bonnici u Heidi Bonnici**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn dikriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-17 ta' April 2018 li bih ċaħdet it-talba tal-istess konvenuti sabiex tissejjaħ terza persuna – Romina Bonnici Galea – fil-kawża.

*2.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: b'kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 l-attur u martu Romina Bonnici Galea kienu "flimkien u *in solidum*" xtraw mingħand il-konvenuti konjuġi Bonnici l-ishma li dawn

kellhom – *cioè* ħamsin fil-mija (50%) – fis-soċjetà *C & P Caterers Limited.*

*3.* Ġara li l-attur u Romina Bonnici Galea sussegwentement infirdu. Għalhekk b'ittra ġudizzjarja tad-9 ta' Ottubru 2015 sejħu lill-konvenuti sabiex jersqu "għall-iffirmar tax-*share transfer forms* relativi fis-sens li nofs l-ishma oriġinarjament spettanti lilhom jiġu trasferiti fuq isem Carmel Bonnici waħdu u n-nofs l-ieħor jiġi trasferit fuq isemRomina Bonnici Galea weħedha".

4. Peress li l-konvenuti rrifjutaw li jagħmlu dan, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »(1) tikkundannakom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilkom prefiss, tiffirmaw ix-share *transfer form* neċessarja sabiex it-trasferiment tal-ishma, rappreżentanti ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-*issued share capital*, u ċjoè erbat elef mitejn u ħamsin (4,250) sehem, fil-kumpannija *C & P Caterers Limited* C18006 jiġi debitament irreġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpanniji;
>
> »(2) taħtar kuratur deputat sabiex, fin-nuqqas tagħkom li tottemporaw rwieħkom f'dan iż-żmien, jiffirma huwa din ix-*share transfer form* f'isimkom.«

5. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet fost oħrajn:

> »1. illi qabel xejn fil-kuntratt ċitat fir-rikors ġuramentat kienet parti ukoll Romina Bonnici kif ukoll il-kumpanija *C & P Caterers Limited*. Il-ġudizzju ma jistax ikun integru mingħajr l-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ persuni aktar u aktar meta l-obbligazzjonijiet saru u ġew riċevuti minn Peter u Heidi konjuġi Bonnici flimkien u solidament fuq naħa u minn Carmel u Romina konjuġi Bonnici flimkien u solidament fuq naħa oħra;
>
> »2. illi għalhekk l-attur ma setax jipproċedi b'dawn it-talbiet waħdu u mingħajr ma martu tkun parti fil-kawża;

6. B'rikors tat-23 ta' Marzu 2018 (meta l-kawża kienet ġà differita għas-sentenza) il-konvenuti talbu lill-ewwel qorti sabiex tissospendi l-

prolazzjoni tas-sentenza u ssejjaħ lil Romina Bonnici Galea fil-kawża għal dawn ir-raġunijiet:

> »illi din il-kawża tittratta talba sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jiffirmaw *share transfer agreement* skond kuntratt iffirmat;
>
> »illi l-esponenti jidhirlu li l-ġudizzju m'hux integru *stante* illi Romina Bonnici kienet ukoll firmatarja ta' dan il-kuntratt;
>
> »illi l-esponenti taw l-ewwel żewġt eċċezzjonijiet f'dan is-sens;
>
> »illi jkun opportun illi f'din il-kawża tiġi kjamata Romina Bonnici sabiex tiġi indirizzata din l-anomalija.«

7. L-attur wieġeb hekk għal dan ir-rikors:

> »Illi huwa jopponi t-talbiet tal-intimat bil-qawwa u dan għal diversi raġunijiet:
>
> »Fl-ewwel lok, l-intimat ma għandux l-interess ġuridiku u neċessarju sabiex jitlob il-kjamata fil-kawża ta' Romina Bonnici Galea: għalkemm l-intimat eċċepixxa n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, il-konsegwenzi ta' din l-eċċezzjoni jistgħu jkunu biss li, jekk din l-onorabbli qorti tħoss li din l-eċezzjoni hija meritata, tiġbed hija l-konsegwenzi neċessarji, imma tali eċċezzjoni ma tagħtix id-dritt lill-intimat li jsejjaħ huwa fil-kawża lill-persuni li l-preżenza tagħhom huwa jħoss neċessarja. Dan id-dritt, u possibbilment obbligu, huwa impost fuq l-attur.
>
> »Fit-tieni lok, din l-eċċezzjoni hija assolutament infondata. Huwa minnu li l-iskrittura ta' promessa ta' trasferiment tal-ishma kienet tirrigwarda trasferiment ta' ishma kemm lill-esponenti kif ukoll lil Romina Bonnici Galea. Madankollu, in segwitu għal dik l-iskrittura, l-esponenti u martu kienu ftiehmu li t-trasferiment kellu jsir separata-ment kwantu għal nofs l-ishma favur tiegħu u n-nofs l-ieħor favur l-istess Romina Bonnici Galea. U mhux talli hekk biss, iżda huma flimkien kienu bagħtu ittra uffiċjali, iffirmata mill-avukati rispettivi tagħhom, fejn infurmaw lill-intimat b'din id-deċiżjoni u talbuh sabiex jipproċedi separatament mhux biss sabiex jittrasferixxi dawn l-ishma imma wkoll sabiex iwettaq pagamenti li, fit-termini ta' skrittura oħra bejn l-istess partijiet, kienu dovuti minnu lilhom. Din l-ittra uffiċjali, ippreżentata fid-9 ta' Ottubru 2015, u għalhekk, qabel il-preżentata tal-kawża odjerna, tinsab eżebita *a foll.* 6 u 7 tal-proċess. Għalhekk, b'effett mid-data ta' dik l-ittra, kull wieħed fost l-esponenti u Romina Bonnici Galea kellu u għad għandu kull dritt li jipproċedi separatament u mingħajr il-ħtieġa tal-involviment tal-parti l-oħra f'dak kollu li jinvolvi dawn l-iskritturi u l-eżekuzzjoni tad-drittijiet tagħhom naxxenti minnhom.«

8. L-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Rat ir-rikors tal-konvenuti Peter u Heidi konjuġi Bonnici datat 23 ta' Marzu 2018 li permezz tiegħu talbu li din il-qorti tissospendi l-

prolazzjoni tas-sentenza u tikkjama fil-kawża lil Romina Bonnici *stante* li skont l-istess konvenuti l-ġudizzju mhux ser ikun integru jekk Romina Bonnici ma tiġix kjamata għaliex hi kienet firmatarja f'kuntratt ta' *share transfer agreement* li għalih issir referenza fil-kawża odjerna;

»Rat ir-risposta tal-konvenut Carmel Bonnici datata 2 ta' April 2018 li, filwaqt li rrikonoxxa li l-iskrittura in kwistjoni kienet ukoll tinkludi ishma ta' Romina Bonnici Galea, jopponi t-talba għal kjamata fil-kawża tagħha *stante*, fost raġunijiet oħra, li permezz tal-kawża odjerna Carmel Bonnici ipproċeda separatament sabiex jiġu trasferiti lilu l-ishma tiegħu biss u mhux dawk ta' Romina Bonnici Galea. Dan għaliex fil-frattemp kien hemm is-separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom;

»Rat l-ittra uffiċċjali datata 9 ta' Ottubru 2015 notifikata lill-konvenuti fejn l-istess konvenuti ġew infurmati u interpellati sabiex jaffettwaw it-trasferiment tal-'ishma' appartenenti lil Romina Bonnici Galea u Carmel Bonnici b'mod separat nofs kull wieħed;

»Rat illi r-rikors ġuramentat odjern jikkonċerna biss u huwa limitat għat-trasferiment mill-konvenuti lir-rikorrent tal-ishma appartenenti lir-rikorrent Carmel Bonnici filwaqt li l-ebda talba ma tikkonċerna l-ishma appartenenti lil Romina Bonnici Galea;

»Rat ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li, għalkemm isemmu kemm lil Romina Bonnici u *C & P Caterers Limited*, għal xi raġuni l-konvenuti qed jinsistu biss għal-kjamat fil-kawża ta' Romina Bonnici. Bl-argument tagħhom li kieku kellu jiġi milqugħ allura l-bżonn tal-kjamat kien ikun tat-tnejn u mhux biss ta' Romina Bonnici;

»Tqis illi l-kjamata fil-kawża ta' Romina Bonnici Galea ma tista' tagħmel l-ebda differenza għall-konklużjoni tal-atti odjerni *stante* li t-talbiet jikkonċernaw unikament l-ishma proprjetà tar-rikorrent u ta' ħadd aktar. Il-qorti tifhem li kieku tressqet Romina Bonnici bħala xhud fl-atti sabiex titfa' aktar dawl fuq il-mertu (għalkemm il-partijiet għażlu li dan ma jagħmluhx) iżda li tikkjama fil-kawża lil Romina Bonnici sabiex tirrispondi għal talbiet li jistgħu unikament jiġu diretti u sodisfatti mill-konvenuti f'każ li *dato ma non concesso* jiġu milqugħa, tqis din it-talba bħala frivola u vessatorja għall-aħħar intiża biss sabiex iżżid l-ispejjeż u ttawwal dawn il-proċeduri.«

9. Il-konvenuti appellaw minn dan id-dikriet tal-ewwel qorti b'rikors tat-18 t'April 2018 li għalih l-attur wieġeb fit-8 ta' Mejju 2018.

10. L-aggravju tal-konvenuti huwa fis-sens illi, ladarba l-ftehim kien illi l-ishma jiġu trasferiti lill-attur u lil Romina Bonnici Galea flimkien u *pro indiviso*, u mhux nofs kull wieħed, il-presenza ta' Romina Bonnici Galea fil-kawża hija meħtieġa biex jitwettaq il-ftehim. Iżidu wkoll illi l-

attur ma ressaq ebda xiehda li turi illi l-ishma fil-fatt inqasmu bejnu u Romina Bonnici Galea. Komplew fissru l-aggravju hekk:

»L-esponenti talbu l-kjamata fil-kawża ta' Romina Bonnici. Dan għaliex fl-assenza tagħha l-ġudizzju ma jistax ikun integru. Dan peress illi skond il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, l-ishma kellhom jiġu trasferiti lil Carmel Bonnici u Romina Bonnici flimkien u solidament bejniethom u għalhekk ix-share*holding* kellu jkun wieħed indiviż. Ġaladarba qiegħed f'din is-sitwazzjoni fejn l-ishma kellhom jiġu trasferiti b'mod indiviż, Carmel Bonnici ma seta' qatt jipproċedi waħdu mingħajr l-intervent ta' Romina Bonnici. Kien għalhekk illi intalbet il-kjamata fil-kawża tagħha. Ma kinitx korretta l-ewwel onorabbli qorti meta tat piż fid-digriet tagħha l-fatt illi t-talba hija limitata "għat-trasferiment mill-konvenuti lir-rikorrent tal-ishma appartanenti lir-rikorrent Carmel Bonnici". Għaliex fil-verità ma hemm l-ebda sehem li hu ta' Carmel Bonnici, l-ishma huma *pro indiviso* bejn Carmel u Romina Bonnici, u sa llum ma jidher li saret l-ebda diviżjoni ta' dawn l-ishma u jekk saret din m'hijiex prodotta fil-kawża. In-nuqqas tal-inklużjoni ta' Romina Bonnici tħalli l-ġudizzju m'hux integru.«

11. L-attur wieġeb hekk:

»Illi dan l-appell huwa wieħed infondat, u jirrażenta l-frivolu u vessatorju.

»Il-pern tal-kwistjoni odjerna huwa jekk l-ewwel onorabbli qorti kinitx korretta meta ċaħdet it-talba tal-intimati għall-kjamata fil-kawża ta' Romina Bonnici Galea;

»Illi l-fatti rilevanti għas-soluzzjoni ta' dan il-punt huma s-segwenti:

»(1) illi bi skrittura privata tad-disgħa u għoxrin ta' Mejju elfejn u ħmistax, l-esponenti u martu Romina Bonnici kienu xtraw u akkwistaw mingħand l-intimati ħamsin fil-mija (50%) mill-*issued share capital* fil-kumpannija *C & P Caterers Limited*, numru tar-reġistrazzjoni C18006, u *cjoè* tmint elef u ħames mitt (8,500) sehem, bil-valur nominali ta' tnejn punt tlieta tlieta Euro (€2.33) kull wieħed;

»(2) illi l-esponenti u martu illum isseparaw minn xulxin, u permezz ta' ittra uffiċjali spedita lill-intimati, u debitament innotifikata lilhom, huma infurmawhom li jixtiequ u jridu li x-*share transfer form* timtela' b'mod u manjiera li t-trasferiment tal-ishma jsir separatament u fi kwoti ugwali lil kull wieħed u waħda minnhom;

»… … …

»Fir-rigward tal-ħtieġa *o meno* tal-preżenza ta' Romina Bonnici Galea f'din il-kawża, l-esponenti jirrileva li flimkien mar-rikors ġuramentat, huwa esebixxa, bħala Dokument B, kopja uffiċjali ta' ittra uffiċjali spedita minnu u minn Romina Bonnici Galea lill-intimati fid-9 ta' Ottubru 2015. Permezz ta' dik l-ittra l-esponenti u Romina Bonnici Galea mhux biss infurmaw lill-intimati bil-fatt li huma kienu sseparaw minn ma' xulxin bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sylvianne Xerri Żahra tad-29 ta' Mejju 2015, imma saħansitra rreferew għax-*share transfer forms* li kellhom isiru u talbuhom sabiex dawn ix-*share*

*transfer forms* isiru separatament favur Carmel Bonnici "waħdu" f'dak li jirrigwarda erbat elef mitejn u ħamsin (4,250) sehem u daqstant ieħor favur Romina Bonnici Galea "waħedha".

»Illi din id-diviżjoni tal-kreditu oriġinarjament spettanti lil Carmel Bonnici u Romina Bonnici Galea flimkien hija analoga għall-istitut ta' "ċessjoni ta' krediti u jeddijiet oħra" ttrattat mill-leġiżlatur fis-Sub-titolu VII tat-Titolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili fl-artikoli 1469 *et* seqq.

»B'mod partikolari huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1471 tal-istess Kodiċi li jistipula li:

> »"Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet mgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedenti".

»Issa, fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, l-esponenti u Romina Bonnici Galea kienu fl-istess nifs ċedenti u ċessjonarji. Barra minn hekk l-ittra uffiċjali numru 664/2015, spedita lill-intimati, u nnotifikata lilhom fis-16 ta' Ottubru 2015, ċertament tikkwalifika bħala "att ġudizzjarju" li ġie spedit kemm miċ-ċedenti kif ukoll miċ-ċessjonarju.

»Fid-dawl ta' din iċ-ċessjoni, u fid-dawl tal-fatt li fl-ittra uffiċjali l-esponenti u Romina Galea espressament taw struzzjonijiet lill-intimati li kull wieħed u waħda minnhom "waħdu" u "waħedha" kien qed jitlob l-esekuzzjoni tal-kreditu spettanti lilhom rispettivament, il-preżenza ta' Romina Bonnici Galea f'din il-kawża ser tkun kompletament superfluwa u mhux neċessarja. Infatti fl-artikolu 1472 tal-Kodiċi Ċivili l-leġiżlatur ikkomina x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi tal-fatt li ċessjonarju ta' kreditu jaġixxi mingħajr qabel ma jkun aċċerta ruħu li ċ-ċessjoni tkun ġiet innotifikata lid-debitur b'att ġudizzjarju. *A contrario*, meta din in-notifika tkun saret debitament, id-debitur ma jistax jipprova jivvantaġġja ruħu mill-assenza taċ-ċedent fil-kawża li ssirlu miċ-ċessjonarju sabiex dan tal-aħħar jeżegwixxi l-kreditu spettanti lilu.

»L-eċċezzjoni dwar il-preżenza tal-kumpannija *C & P Caterers Limited* hija saħansitra iktar infondata u tirrażenta l-assurd. Fl-iskrittura ffirmata bejn l-erba' partijiet fid-29 ta' Mejju, *C & P Caterers Limited* ma kinitx parti, imma kienu biss l-ishma spettanti lill-intimati f'dik il-kumpannija li kienu l-oġġett tal-ftehim. Għalhekk mhux biss il-kumpannija ma kinitx suġġett attiv fin-negozju ġuridiku kompjut bejn Carmel Bonnici, Romina Bonnici Galea, Peter Bonnici u Heidi Bonnici, imma lanqas biss ma tista' titqies li kienet suġġett jew oġġett passiv ta' dik l-iskrittura. L-oġġett passiv kienu l-ishma u xejn iktar.

»Jidher li l-uniku skop tal-appellanti huwa dka li jtawwlu kemm jista' jkun dawn il-proċeduri, inutilment, u b'sens ta' pika u a skapitu tal-esponenti.

»Huwa sottomess, għalhekk, li dan l-appell huwa wieħed infondat u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

12. Li kieku tassew kien meħtieġ illi jiġu iffirmati *share transfer forms* kif irid l-attur, kien ikollhom raġun il-konvenuti jgħidu illi għall-integrità tal-ġudizzju hija meħtieġa l-presenza fil-kawża ta' Romina Bonnici

Galea wkoll. Bil-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 l-attur u Romina Bonnici Galea xtraw l-ishma "flimkien u *in solidum*" u għalhekk kull wieħed u waħda minnhom kellu sehem mhux maqsum f'kull sehem. Għalhekk, biex nofs dawk l-ishma jiġu trasferiti fuq l-attur waħdu hija meħtieġa l-preżenza ta' Romina Bonnici Galea wkoll.

13. Dan iżda kien ikun minnu li kieku kienet meħtieġa din il-kawża biex iseħħ it-trasferiment u r-reġistrazzjoni tiegħu.

14. L-artt. 118 *et seqq.* tal-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"] igħidu hekk dwar trasferiment ta' ishma u r-reġistrazzjoni tat-trasferiment:

> »**118.** (1) Minkejja kull disposizzjonijiet li jinsabu f'xi liġi oħra, trasferiment ta' azzjonijiet …f'kumpannija għandu jsir bil-kitba.
>
> »… … …
>
> »**119.** (1) Fuq talba ta' min jittrasferixxi jew li lilu tkun trasferita xi azzjoni … ta' kumpannija l-kumpannija għandha tniżżel fuq ir-reġistru tagħha tal-membri … l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment u meta t-talba ssir minn min jagħmel it-trasferiment ir-reġistrazzjoni għandha ssir bl-istess mod u suġġetta għall-istess kondizzjonijiet daqslikieku t-talba għar-reġistrazzjoni saret mill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment.
>
> »… … …
>
> »**120.** … … …
>
> »(3) Fil-każ ta' trasferiment … ta' azzjonijiet il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum mid-data li fiha t-trasferiment ta' xi azzjonijiet bħal dawk ikun reġistrat mal-kumpannija … tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tat-trasferiment … fejn tagħti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom ikun sar it-trasferiment …«

15. It-trasferiment lill-attur u lil Romina Bonnici Galea sar bil-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2019, u l-qasma tal-ishma bejniethom presumibilment saret fil-kuntratt ta' firda. Mela dak kollu meħtieġ biex isir it-trasferiment lill-attur tal-ishma li jmissu lilu – il-kitba li jrid l-art. 118(1) – ġà sar. Li fadal hu li jingħata l-avviż lill-kumpannija kif irid l-art.

119(1) – u dan l-avviż jista' jingħata mill-attur waħdu bħala dak li lilu sar it-trasferiment – u li l-kumpannija tirreġistra t-trasferiment mar-Reġistratur tal-Kumpanniji.

16. Fuq il-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2019 l-attur deher mhux biss f'ismu iżda wkoll bħala direttur f'isem il-kumpannija. Mela dak kollu li għandu jsir biex issir ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma lilu jista' jagħmlu hu waħdu mingħajr il-ħtieġa tal-intervent ta' ħadd iżjed: l-avviż tat-trasferiment lill-kumpannija jista' jagħmlu hu bħala dak li lilu sar it-trasferiment billi jagħti kopja tal-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 u tal-kuntratt ta' firda bejnu u Romina Bonnici Galea, u l-avviż tat-trasferiment għar-reġistrazzjoni jista' jingħata minnu bħala direttur tal-kumpannija lir-Reġistratur tal-Kumpanniji. Il-preżenza ta' Romina Bonnici Galea fil-kawża għalhekk ma hijiex meħtieġa, u verament lanqas ma kien hemm għalfejn jitħarrku l-konvenuti, jew li ssir il-kawża.

17. Għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti li ċaħdet it-talba għas-sejħa fil-kawża, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija fid-dikriet li minnu sar l-appell.

18. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-ewwel qorti, tikkonferma d-dikriet li minnu sar l-appell. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti biex jitkompla s-smigħ fid-dawl ta' dak li ngħad fuq.

19. Billi t-talba għas-sejħa fil-kawża ma kinitx meħtieġa, l-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb